**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 14 ta’ Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 527 / 16RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Dan hu provvediment moghti in vista tat-talba ta’ Dr Lynn Zahra fil-kwalita’ taghha ta’ wahda mill-eredi tad-defunt attur sabiex il-Qorti taghti sentenza fuq it-talbiet attrici nonostante li l-attur miet qabel mal-kawza giet deciza. Qed jigi sottomess minn Dr Zahra illi una volta l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza u l-attur miet ftit jiem wara qabel ma lahqet giet pronunzjata s-sentenza ma kienx mehtieg li ssir it-trasfuzzjoni tal-gudizzju qabel ma tinghata s-sentenza.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

Fil-21 ta’ Novembru 2016 l-attur, illum defunt, ipprezenta rikors li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta'Awissu 1957 u ghandhom erbat itfal illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom permess ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon datat 25 ta' Mejju 2002;

Illi r-rikorrent A B, permezz ta' dan ir-rikors qieghed japplika lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jinghata d-divorzju stante li ilu jghix ma’ mara ohra ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u m’hemm ebda prospett ragjonevoli ghar- rikonciljazzjoni ma’ martu;

Illi m'hemmx ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 668 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-ksib tad-divorzju huma kollha sodisfatti:

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti bir-rispett sabiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u biex jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Fis-17 ta’ Jannar 2017 il-konvenuta ipprezentat risposta:

1. Illi skont ma gie riferit liil-esponenti, l-attur zewgha jinsab f' qaghda mhux tajba ta' sahha u din il-kondizzjoni qeghda twassal biex huwa jkun psikologikament u moralment vulnerabbli u nkapaci li jirrezisti l-pressjonijiet illi jistghu jsiru fuqu mit-terzi.

2. Illi f' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti taghti dawk l-ordnijiet u tiehu dawk il-mizuri sabiex jigi accertat illi l-proceduri odjerni huma verament l-prodott tal-volonta libera tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Frar 2017:-

*“Meta ssejjah ir-rikors, deher Dr Stephen Thake ghall-intimata prezenti u Dr Marie Elise Agius ghar-rikorrent.*

*Xehed il-Psikjatra Dr Etienne Muscat bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehed Dr David Gatt bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehdet Dr Marie Elise Agius bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehed Dr Frans Portanier bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehdet Lydia Zammit bil-Malti u bil-gurament.*

*Ir-rikorrent jiddikjara li m'ghandux iktar provi.*

*Xehed Mark B bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehdet Francine Debono bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehdet Gayle Debono bil-Malti u bil-gurament.*

*Xehdet Dr Lynn Zahra bil-Malti u bil-gurament.*

*Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghat-21 ta' Frar 2017 fid-9:00am."*

Gara izda illi ftit jiem wara li l-kawza giet differita u qabel il-21 ta' Frar 2017 l-attur miet.

Fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2017 il-kawza giet differita ghall-informazzjoni.

Fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2017 dehret Dr Lynn Zahra, assocjat ruhha ma' Dr Marie Elise Agius ghall-eredita' tal-attur u tablet li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza nonostante li gie nieqes l-attur u minghajr il-htiega tat-trasfuzzjoni tal-gudizzju.

Rat in-nota ta' Dr Lynn Zahra tat-18 ta' Mejju2017 u n-nota tal-konvenuta tas-16 ta' Gunju 2017;

Ikkunsidrat;

Il-kawza odjerna titratta talba tal-attur li permezz taghha kien talab li l-Qorti "Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet".

Il-fatt li l-attur miet fil-mori tal-kawza ifisser illi fil-mument li l-attur miet iz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta wasal fi tmiemu. Minn dak il-mument 'il quddiem il-konvenuta saret armla tal-attur u ma hemmx aktar zwieg x'jigi mahlul.

Il-fatt li fil-jum li fih l-attur miet, il-kawza odjerna kienet differita ghas-sentenza ma jbiddel xejn minn dak appena espost supra. Mal-mewt iz-zwieg ta' bejn il-partijiet gie fi tmiemu.  Illum ma hemm l-ebda zwieg li jista' jigi mahlul. Din ma

hiex kwistjoni dwar il-htiega o menoi tat- trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem l-eredi tal-attur izda l-materja li l-Qorti jehtieg taghti provvediment dwaru hi jekk il-mertu tal-kawza jinstabx illum kompletament ezawrit mal-mewt tal-attur u allura mhux konsentit lill-Qorti illi tholl zwieg illi m'ghadux jezisti.

Il-Qorti hi tal-fehma illi mal-mewt tal-attur gie mahlul iz-zwieg tal-partijiet u ghalhekk il-mertu tal-kawza jinsab illum ezawrit.

Ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**